MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 1094/2009

**Nazzareno Fenech u Stella mart l-istess Nazzareno Fenech**

**-vs-**

**Maria mart George Micallef u l-istess George Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fid-9 ta’ Novembru 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi huma proprjetarji ta’ porzjoni diviża mill-għalqa magħrufa Tad-Dawra kontrada ta’ Wied Għomor, limiti ta’ San Gwann, provenjenti lilhom minn kuntratt ta’ diviżjoni fl-atti tan-Nutar Marco Burlo tal-1 ta’ Marzu 2007, hemm deskritta bħala li fiha kejl komplessiv ta’ ċirka 523,60 metri kwadri u dentifikata bħala *plot* numru 4a, kif ukoll ta’ porzjoni diviża oħra mill-istess għalqa, provenjenti

lilhom mill-istess kuntratt ta' diviżjoni, hemm deskritta bħala li fiha kejl komplessiv ta' ċirka 249.15 metri kwadri u ddentifikata bħala *plot* numru 4b (Dok 'X')

2. Illi l-porzjoni diviża ta' art identifikata bin-numru 4b, għadha *de facto* fil-pussess tal-konvenuti, iżda dan mingħajr ebda titolu kwalsiasi.

3. Infatti. Il-konvneuta Maria Micallef kienet waħda mill-partijiet komparenti fuq l-imsemmi att ta'diviżjoni u lilha ġew assenjati b'dak l-att il-porzjonijiet identifikati bin-numri 2a u 2b mill-istess għalqa Tad-Dawra, b'mod li mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' diviżjoni kull titolu tal-konvenuta Maria Micallef fuq ir-rimanenti porzjonijiet mill-imsemmija għalqa spiċċa.

4. *Inoltre* bis-saħħa ta' skrittura privata datata 20 ta' Marzu 2007 il-konvenuti kienu obbligaw rwieħhom favur l-attur li sa żmien sentejn mid-data ta' dik l-iskrittura huma jassiguraw li l-*plot* 4b ikun a dispożizzjoni tal-atturi bil-pussess battal (Dok 'Y').

5. Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Ġunju 2009, l-atturi nterpella lill-konvenuti sabiex huma jiżgumbraw minn dil-porzjoni diviża identifikata bin-numru 4b, fuq imsemmija, iżda huma baqgħu inadempjenti.

6. Illi għalhekk l-atturi jridu li l-konvenuti jiġu kkundannati jiżgumbraw mill-imsemmija porzjoni diviża ta' art identifikat bin-numru 4b, sabiex din tiġi fil-pussess tagħhom bħala libera u vojta.

7. L-atturi jafu personalment bil-fatti hawn fuq esposti u konfermati bil-ġuramentminn Nazzareno Fenech.

**<u>Raġuni tat-Talba</u>**

1. Illi kif appena fuq premess, għalkemm il-konvenuti ġew interpellat mill-atturi permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Ġunju 2009 sabiex jiżgombra minn dik il-porzjoni diviża mill-għalqa magħrufa Tad-Dwana,

limiti ta’ San Gwann, identifikata bħala plot 4b, *di propieta’* tal-attur, li l-istess konvenuti llum naqsu milli jagħmlu dak li talbu l-atturi.

2. Għalhekk qed tiġi stitwita din il-proċedura.

**Talbiet**

Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi, l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvneuti sabiex f’terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti jiżgombraw minn dil-porzjoni diviża mill-għalqa Tad-Dawra kontrada ta’ Wied Għomor, limiti ta’ San Gwann, *di propjeta*’ tal-atturi u provenjenti lilhom mill-kuntratt ta’ diviżjoni pubblikat minn Nutar Marco Burlo’ fl-1 ta’ Marzu 2007, hemm identifikata bħala *plot* numru 4b, *occorendo previa* dikjarazzjoni li l-istess konvenuti qed jokkupaw tali porzjoni diviża ta’ art mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 24 ta’ Ġunju 2009, kontra l-konvenuti li huwa minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom; u b’riserva ta’ kull azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fid-9 ta’ Frar 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-esponenti jikkontendi li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda u dana peress illi minħabba l-aġir tal-atturi stess, l-imsemmi territorju ta’ art ġewwa San Gwann magħruf bħala “Tad-Dawra” ġo Wied Għomor f’San Gwann ma ġiex effettivament diviż u l-porzjonijiet għadhom ma ġewx identifikati.

2. Illi l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għandhom jiġu interament imħallsa minn l-atturi peress li kien it-tort tagħhom li wara l-att ta’ diviżjoni tan-Nutar Marco Burlo’

ma ħallewx lill-istess esponenti jġibu *surveyors* biex effettivament jaqsmu l-art in kwistjoni;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits u semgħet l-Avukati rispettivi;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta ammettiet fl-affidavit tagħha li hija qed tokkupa l-art in kwistjoni mingħajr titolu u dan in segwitu għad-diviżjoni li saret u kwindi hija u żewġha spiċċaw jgħixu f'parti tal-proprjeta' li ma messetx lilha. Jidher li l-partijiet jaqblu li jkun hemm terminu raġonevoli biex il-konvenuti jkunu jistgħu jidħlu fi proprjeta' oħra għandhom konvenju fuqha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talba attriċi, filwaqt li għall-fini tal-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------